V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9046 — Taiyo Nippon Sanso/Praxair EEA Business)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 329/03)

1. Fil-11 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Taiyo Nippon Sanso Corporation ("TNSC") (il-Ġappun), ikkontrollata minn Mitsubishi Chemical Holdings Corporation ("MCHC") (il-Ġappun),

— Praxair EEA Business, li inbiegħet skont l-impenji ppreżentati fil-Każ M.8480 — Praxair/Linde.

TNSC takkwista, fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll esklużiv tat-totalità ta' Praxair EEA Business.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal TNSC: il-manifattura u l-forniment ta' gassijiet industrijali għall-użu f'varjetà ta' applikazzjonijiet industrijali,

— għal MCHC: l-industriji tal-kimika, tal-gass industrijali, u tal-prodotti mediċinali,

— għal Praxair EEA Business: il-manifattura u l-forniment ta' gassijiet industrijali għall-użu f'varjetà ta' applikazzjonijiet industrijali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.9046 — Taiyo Nippon Sanso/Praxair EEA Business

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË